

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 272 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

20 ta' Ottubru 2022

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1985 tal-20 ta' Ottubru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 1

### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1986 tal-20 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 5

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1985

tal-20 ta' Ottubru 2022

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Ir-reġim Iranjan jipprovdi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li tliet individwi u entità waħda involuti fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord lir-Russja jenħtieġ li jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (4) Għaldaqstant, l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BEK

---

Il-persuni u l-entità li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

### Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"1263.	Mohammad Hossein BAGHERI محمد حسين باقری	Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel Grad: Maġġur Ġeneral Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran	Il-Maġġur Ġeneral Mohammad Hossein Bagheri huwa l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran. Huwa jissorvelja l-programm militari ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV) u għandu rwol fundamentali fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża tal-Iran mal-Federazzjoni Russa. Huwa involut ukoll fl-espansjoni barra mill-pajjiż ta' UAVs magħmula fl-Iran; f'din il-kapaċità, huwa inawgura linja ta' assemblaġġ fit-Taġikistan destinata għall-espertazzjoni ta' droni Ababil-2. Huwa pparteċipa wkoll fl-iżvilupp tad-droni Mohajer-6 u l-forniment tagħhom lill-Federazzjoni Russa għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Maġġur Ġeneral Mohammad Hossein Bagheri huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	20.10.2022
1264.	Sayed Hojatollah QUREISHI سيد حجت الله قريشي magħruf ukoll bħala Sayyed Hojatollah GHOREISHI	Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel Grad: Ġeneral Pożizzjoni: Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran	Il-Ġeneral Sayed Hojatollah Qureishi huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran u huwa responsabbli għan-negozjar tal-ftehim mal-Federazzjoni Russa fir-rigward tal-forniment ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) magħmula fl-Iran għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Ġeneral Sayed Hojatollah Qureishi huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022
1265.	Saeed AGHAJANI/ Saeed Ara Jani / Said Ara Jani / Said Agha Jani سعيد آقاچانی	Data tat-twelid: 3.4.1969 Sess: Raġel Passaport: Passaport V47528711 (Iran) Nazzjonalità: Iranjana Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kmandant tal-Kmand tal-UAVs tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF)	Il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani huwa l-Kmandant tal-Kmand tal-UAVs tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF), is-sinla tal-programm tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran. Il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani jissorvelja u jidderieġi l-ippjanar, it-tagħmir u t-taħriġ għall-operazzjonijiet tal-UAVs tal-Iran, li jinkludu wkoll il-forniment ta' droni lill-alleati internazzjonali tal-Iran, inkluż il-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022"

**Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
"119.	Shahed Aviation Industries magħrufa wkoll bħala Shahed Aviation Industries Research Center  صنایع هوایی شاهد  مرکز تحقیقات صنایع هوایی شاهد		Shahed Aviation Industries hija kumpanija marbuta mal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika fl-Iran li hija responsabbli għat-tfassil u l-iżvilupp tas-serje Shahed ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran. Id-droni tas-serje Shahed ġew fornuti lill-Federazzjoni Russa u huma użati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Shahed Aviation Industries hija responsabbli li appoġġat materjalment azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022"

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1986

tal-20 ta' Ottubru 2022

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Ir-reġim Iranjan jipprovdi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li tliet individwi u entità waħda involuti fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord lir-Russja jenħtieġ li jiżdedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (4) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex ċertu miżuri jiġu implimentati.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BEK

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

Il-persuni u l-entità li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

**Persuni**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
"1263.	Mohammad Hossein BAGHERI محمد حسين باقری	Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: Raġel Grad: Maġġur Ġeneral Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran	Il-Maġġur Ġeneral Mohammad Hossein Bagheri huwa l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran. Huwa jissorvelja l-programm militari ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV) u għandu rwol fundamentali fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża tal-Iran mal-Federazzjoni Russa. Huwa involut ukoll fl-espansjoni barra mill-pajjiż ta' UAVs magħmula fl-Iran; f'din il-kapaċità, huwa inawgura linja ta' assemblaġġ fit-Taġikistan destinata għall-esportazzjoni ta' droni Ababil-2. Huwa pparteċipa wkoll fl-iżvilupp tad-droni Mohajer-6 u l-forniment tagħhom lill-Federazzjoni Russa għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Maġġur Ġeneral Mohammad Hossein Bagheri huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	20.10.2022
1264.	Sayed Hojatollah QUREISHI سيد حجت الله قريشي magħruf ukoll bħala Sayyed Hojatollah GHOREISHI	Nazjonalità: Iranjana Sess: Raġel Grad: Ġeneral Pożizzjoni: Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran	Il-Ġeneral Sayed Hojatollah Qureishi huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran u huwa responsabbli għan-negozjar tal-ftehim mal-Federazzjoni Russa fir-rigward tal-forniment ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) magħmula fl-Iran għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Ġeneral Sayed Hojatollah Qureishi huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022
1265.	Saeed AGHAJANI/ Saeed Ara Jani / Said Ara Jani / Said Agha Jani سعيد آقاجانی	Data tat-twelid: 3.4.1969 Sess: Raġel Passaport: Passaport V47528711 (Iran) Nazjonalita: Iranjana Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kmandant tal-Kmand tal-UAVs tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF)	Il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani huwa l-Kmandant tal-Kmand tal-UAVs tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF), is-sinla tal-programm tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran. Il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani jissorvelja u jidderieġi l-ippjanar, it-tagħmir u t-taħriġ għall-operazzjonijiet tal-UAVs tal-Iran, li jinkludu wkoll il-forniment ta' droni lill-alleati internazzjonali tal-Iran, inkluż il-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, il-Brigadier General Saeed Aghajani huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022"



**Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"119.	Shahed Aviation Industries magħrufa wkoll bħala Shahed Aviation Industries Research Center  صنایع هوایی شاهد  مرکز تحقیقات صنایع هوایی شاهد		Shahed Aviation Industries hija kumpanija marbuta mal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika fl-Iran li hija responsabbli għat-tfassil u l-iżvilupp tas-serje Shahed ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran. Id-droni tas-serje Shahed ġew fornuti lill-Federazzjoni Russa u huma użati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Shahed Aviation Industries hija responsabbli li appoġġat materjalment azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022"



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)